EBA/GL/2022/15

22/11/2022

# Linji gwida

## dwar l-użu ta' Soluzzjonijiet għall-Onboarding Remot tal-Klijenti skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849

# 1. Obbligi ta' konformità u rapportar

## L-istatus ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 [1]. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jeħtiġilhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw ma' dawn linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż meta l-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk ikunux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 30.05.2023. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2022/15". In-notifiki għandhom jintbagħtu minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità jrid jiġi rrappurtat ukoll lill-EBA.

4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

# 2. Suġġett, ambitu u definizzjonijiet

## Suġġett u ambitu

5. Dawn il-linji gwida jistabbilixxu l-passi li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jieħdu meta jadottaw jew jirrieżaminaw soluzzjonijiet biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849[2] għall-onboarding ta' klijenti ġodda b'mod remot. Jistabbilixxu wkoll il-passi li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jieħdu meta jibbażaw fuq partijiet terzi f'konformità mat-Taqsima 4 tal-Kapitolu I tad-Direttiva (UE) 2015/849, u l-kontrolli u l-proċeduri ta' politiki li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jistabbilixxu b'rabta mad-diliġenza dovuta tal-klijent (CDD) kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 8(3) u (4) tad-Direttiva (UE) 2015/849 meta l-miżuri tas-CDD jitwettqu b'mod remot.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu dawn il-linji gwida meta jivvalutaw jekk il-passi li jieħdu l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-Direttiva (UE) 2015/849 fil-kuntest tal-onboarding remot tal-klijenti humiex adegwati u effettivi.

## Destinatarji

7. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Dawn il-linji gwida huma indirizzati wkoll lill-operaturi tas-settur finanzjarju kif definit fl-Artikolu 4(1a) ta' dak ir-Regolament, li huma l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 3(1) u 3(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849.

[2] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu

## Definizzjonijiet

8. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva (UE) 2015/849 għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| ***Data* bijometrika** | *Data* personali relatata mal-karatteristiċi fiżiċi, fiżjoloġiċi jew tal-imġiba ta' persuna fiżika, li tippermetti jew tikkonferma l-identifikazzjoni unika ta' dik il-persuna fiżika, bħall-immaġnijiet tal-wiċċ jew *data* dattiloskopika, li tinkiseb u tiġi pproċessata bl-użu ta' mezzi tekniċi. |

# 3. Implimentazzjoni

## Data ta' applikazzjoni

Dawn il-Linji Gwida japplikaw minn 02.10.2023.

# 4. Linji gwida dwar l-użu ta' Soluzzjonijiet għall-Onboarding Remot tal-Klijenti skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849

## 4.1 Politiki u proċeduri interni

### 4.1.1 Politiki u proċeduri relatati mal-onboarding remot tal-klijenti

9. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jistabbilixxu u jżommu politiki u proċeduri biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 13(1)(a) u (c) tad-Direttiva (UE) 2015/849 f'sitwazzjonijiet li fihom isir onboarding b'mod remot tal-klijenti. Dawn il-politiki u l-proċeduri għandhom ikunu sensittivi għar-riskju u jistabbilixxu mill-inqas:

   a) deskrizzjoni ġenerali tas-soluzzjoni li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji stabbilew biex jiġbru, jivverifikaw u jirreġistraw l-informazzjoni matul il-proċess tal-onboarding remot tal-klijenti. Din għandha tinkludi spjegazzjoni tal-karatteristiċi u l-funzjonament tas-soluzzjoni;

   b) is-sitwazzjonijiet li fihom tista' tintuża s-soluzzjoni għall-onboarding remot tal-klijenti, filwaqt li jitqiesu l-fatturi ta' riskju identifikati u vvalutati f'konformità mal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849 u fil-valutazzjoni tar-riskju min-negozju kollu, inkluż id-deskrizzjoni tal-kategorija tal-klijenti, il-prodotti u s-servizzi li huma eliġibbli għall-onboarding remot;

   c) liema passi huma totalment awtonomi u liema passi jirrikjedu l-intervent mill-bniedem;

   d) il-kontrolli stabbiliti biex jiġi żgurat li l-ewwel tranżazzjoni ma' klijent li jkun għadu kif għadda mill-proċess ta' onboarding tiġi eżegwita biss ladarba jkunu ġew applikati l-miżuri inizjali kollha ta' diliġenza dovuta tal-klijent (CDD);

   e) deskrizzjoni tal-programmi ta' induzzjoni u ta' taħriġ regolari biex jiġi żgurat l-għarfien tal-persunal u l-għarfien aġġornat tal-funzjonament tas-soluzzjoni għall-onboarding remot tal-klijenti, ir-riskji assoċjati, u l-politiki u l-proċeduri għall-onboarding remot tal-klijenti li għandhom l-għan li jimmitigaw tali riskji.

10. Il-politiki u l-proċeduri, meta implimentati, għandhom jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet fit-Taqsima 4.2 sa 4.7 ta' dawn il-Linji Gwida.

### 4.1.2 Governanza

11. Minbarra d-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 4.2.4 tal-Linji Gwida tal-Uffiċjali għall-Konformità tal-EBA[3], l-Uffiċjal għall-Konformità tal-AML/CFT[4] għandu, bħala parti mid-dmir ġenerali tiegħu li jħejji politiki u proċeduri biex tintlaħaq konformità mar-rekwiżiti tas-CDD, jiżgura li l-politiki u l-proċeduri għall-onboarding remot tal-klijenti jiġu implimentati b'mod effettiv, rieżaminati regolarment u emendati meta meħtieġ.

12. Il-korp maniġerjali tal-istituzzjoni ta' kreditu u finanzjarja għandu japprova l-politiki u l-proċeduri għall-onboarding remot tal-klijenti u jissorvelja l-implimentazzjoni korretta tagħhom.

### 4.1.3 Il-valutazzjoni ta' qabel l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni għall-onboarding remot tal-klijenti

13. Meta jikkunsidraw jekk jadottawx soluzzjoni ġdida għall-onboarding remot ta' klijent, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom iwettqu valutazzjoni ta' qabel l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni għall-onboarding remot tal-klijenti.

14. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jistabbilixxu l-ambitu, il-passi u r-rekwiżiti taż-żamma ta' rekords tal-valutazzjoni ta' qabel l-implimentazzjoni fil-politiki u l-proċeduri tagħhom, li għandhom jinkludu mill-inqas:

   a) valutazzjoni tal-adegwatezza tas-soluzzjoni rigward il-kompletezza u l-akkuratezza tad-*data* u d-dokumenti li għandhom jinġabru, kif ukoll tal-affidabbiltà u l-indipendenza tas-sorsi tal-informazzjoni li tuża;

   b) valutazzjoni tal-impatt tal-użu tas-soluzzjoni għall-onboarding remot tal-klijenti fuq ir-riskji tiegħu għan-negozju kollu, inklużi l-ML/TF, ir-riskji operazzjonali, reputazzjonali u legali;

   c) l-identifikazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni u azzjonijiet ta' rimedju possibbli għal kull riskju identifikat fil-valutazzjoni skont il-punt b);

   d) testijiet biex jiġu vvalutati r-riskji ta' frodi inkluż ir-riskji ta' frodi bbażata fuq ix-xebh u teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni ("ICT") oħrajn u r-riskji għas-

[3] Abbozz ta' Linji Gwida dwar politiki u proċeduri b'rabta mal-ġestjoni tal-konformità u r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-Uffiċjal għall-Konformità tal-AML/CFT skont l-Artikolu 8 u l-Kapitolu VI tad-Direttiva

[4] F'konformità mal-Kriterji ta' proporzjonalità stabbiliti fit-Taqsima 4.2.2 tal-Linji Gwida għall-Uffiċjali għall-Konformità

sigurtà, f'konformità mad-dispożizzjoni 43 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ICT u l-ġestjoni tar-riskju tas-sigurtà[5];

e) ittestjar minn tarf sa tarf tal-funzjonament tas-soluzzjoni mmirata lejn il-klijent(i), il-prodott(i) u s-servizz(i) identifikati fil-politiki u l-proċeduri għall-onboarding remot tal-klijenti.

15. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom iqisu li l-kriterji fil-paragrafu 14(a)(d) u (e) għandhom jiġu ssodisfati meta s-soluzzjoni tuża wieħed minn dawn li ġejjin:

a) skemi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-livelli ta' assigurazzjoni "sostanzjali" jew "għolja" f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament;

b) servizzi fiduċjarji kwalifikati rilevanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, b'mod partikolari l-Kapitolu III, it-Taqsima 3 u l-Artikolu 24(1), is-subparagrafu 2, il-punt (b) ta' dak ir-Regolament.

16. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom ikunu jistgħu juru lill-awtorità kompetenti tagħhom liema valutazzjonijiet ikunu wettqu qabel l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni għall-onboarding remot tal-klijenti, l-eżitu tal-valutazzjoni tagħhom u kif l-użu tagħha jkun xieraq fid-dawl tar-riskji tal-ML/TF identifikati għat-tipi ta' klijent(i), servizz(i), ġeografiji u prodott(i) fl-ambitu tagħha.

17. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jibdew jużaw is-soluzzjoni għall-onboarding remot tal-klijenti ladarba biss ikunu sodisfatti li tista' tiġi integrata fis-sistema ta' kontroll intern usa' tal-istituzzjoni, u b'hekk tippermetti lill-istituzzjoni timmaniġġja b'mod adegwat ir-riskji tal-ML/TF li jistgħu jirriżultaw mill-użu tas-soluzzjoni għall-onboarding remot tal-klijenti.

### 4.1.4 Monitoraġġ kontinwu tas-soluzzjoni għall-onboarding remot tal-klijenti

18. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jimmonitorjaw is-soluzzjoni għall-onboarding remot tal-klijenti fuq bażi kontinwa biex jiżguraw li topera f'konformità mal-aspettattivi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji. Huma għandhom jikkomplementaw il-politiki u l-proċeduri tagħhom deskritti fil-paragrafu 9 b'deskrizzjoni ta' mill-inqas:

a) il-passi li se jieħdu biex ikunu sodisfatti f'dik li hija l-kwalità, il-kompletezza, l-akkuratezza u l-adegwatezza kontinwi tad-*data* miġbura matul il-proċess tal-onboarding remot tal-klijenti, li għandhom jkunu proporzjonati għar-riskji tal-ML/TF li għalihom hija esposta l-istituzzjoni ta' kreditu u finanzjarja;

[5] EBA/GL/2019/04

b) l-ambitu u l-frekwenza ta' tali rieżamijiet regolari; u

c) iċ-ċirkostanzi li se jwasslu għar-rieżamijiet *ad hoc*, li għandhom jinkludu mill-inqas:

   a. bidliet fl-iskopertura għar-riskju tal-ML/TF tal-istituzzjoni ta' kreditu u finanzjarja;

   b. nuqqasijiet fil-funzjonament tas-soluzzjoni identifikati matul l-attivitajiet ta' monitoraġġ, awditjar jew superviżjoni;

   c. Żieda perċepita fit-tentattivi ta' frodi;

   d. bidliet fil-qafas legali jew regolatorju.

19. Fil-proċeduri u l-proċessi tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jistabbilixxu miżuri ta' rimedju meta jkun immaterjalizza riskju, jew meta jkunu ġew identifikati żbalji li jkollhom impatt fuq l-effiċjenza u l-effettività tas-soluzzjoni għall-onboarding remot ġenerali tal-klijent. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu mill-inqas:

a) rieżami tar-relazzjonijiet kummerċjali affettwati kollha, biex jiġi vvalutat jekk ġiex applikat biżżejjed CDD inizjali mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 13(1), (a), (b) u (c) tal-AMLD. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jagħtu prijorità lil dawk ir-relazzjonijiet kummerċjali li jġibu magħhom l-ogħla riskju ta' ML/TF;

b) filwaqt li jqisu l-informazzjoni miksuba fir-rieżami msemmi hawn fuq, valutazzjoni ta' jekk relazzjoni kummerċjali affettwata għandhiex tkun:

   a. soġġetta għall-miżuri addizzjonali ta' diliġenza dovuta;

   b. soġġetta għal-limitazzjonijiet, bħal-limiti fuq il-volum tat-tranżazzjoni, meta permessi skont il-liġi nazzjonali, sakemm ikun sar rieżami;

   c. itterminata;

   d. irrappurtata lill-FIU;

   e. riklassifikata f'kategorija ta' riskju differenti.

20. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jikkunsidraw l-aktar mod effettiv biex jimmonitorjaw l-adegwatezza u l-affidabbiltà kontinwi tas-soluzzjonijiet għall-onboarding remot tal-klijenti. Għandhom iqisu wieħed jew aktar mill-mezzi li ġejjin, iżda mhux limitati għalihom:

   i. l-ittestjar tal-assigurazzjoni tal-kwalità;

   ii. it-twissijiet u n-notifiki kritiċi awtomatizzati;

iii. rapporti tal-kwalità awtomatizzati regolari;

iv. l-ittestjar tal-kampjun;

v. rieżamijiet manwali.

21. Din it-taqsima tapplika wkoll meta jintużaw soluzzjonijiet kompletament awtomatizzati għall-onboarding remot tal-klijenti li jiddependu ħafna minn algoritmi awtomatizzati, mingħajr jew bi ftit intervent mill-bniedem.

22. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu u finanzjarji għandhom ikunu jistgħu juru lill-awtorità kompetenti tagħhom liema rieżami twettaq u l-passi ta’ rimedju li jkunu ħadu biex jikkoreġu kwalunkwe nuqqas identifikat matul il-ħajja tas-soluzzjoni għall-onboarding remot tal-klijenti.

## 4.2 Akkwist tal-informazzjoni

### 4.2.1 L-identifikazzjoni tal-klijent

23. Minbarra l-punti stabbiliti fil-paragrafu 9, fil-politiki u l-proċeduri tagħhom, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu u finanzjarji għandhom jistabbilixxu l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi identifikat il-klijent, it-tipi ta’ dokumenti, id-*data*, jew informazzjoni li l-istituzzjoni se tuża biex tivverifika l-identità tal-klijent u l-mod li bih din l-informazzjoni se tiġi vverifikata.

24. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu u finanzjarji għandhom jiżguraw li:

a) l-informazzjoni miksuba permezz tas-soluzzjoni għal-onboarding remot tal-klijenti tkun aġġornata u adegwata biex tissodisfa l-istandards legali u regolatorji applikabbli għad-diliġenza dovuta inizjali tal-klijent;

b) kwalunkwe immaġni, vidjo, ħoss u *data* jinqabdu f’format li jista’ jinqara u bi kwalità suffiċjenti sabiex il-klijent ikun rikonoxxibbli mingħajr ambigwità;

c) il-proċess ta’ identifikazzjoni ma jkomplix jekk jinstabu nuqqasijiet tekniċi jew interruzzjonijiet mhux mistennija fil-konnessjoni.

25. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu jew finanzjarji għandhom jikkunsidraw li l-kriterji fil-paragrafu 24 huma ssodisfati meta s-soluzzjoni tuża wieħed minn dawn li ġejjin:

a) skemi ta’ identifikazzjoni elettronika notifikati f’konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-livelli ta’ assigurazzjoni “sostanzjali” jew “għolja” f’konformità mal-Artikolu 8 ta’ dak ir-Regolament;

b) servizzi fiduċjarji kwalifikati rilevanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, b'mod partikolari l-Kapitolu III, it-Taqsima 3 u l-Artikolu 24(1), is-subparagrafu 2, il-punt (b) ta' dak ir-Regolament.

26. Id-dokumenti u l-informazzjoni miġbura matul il-proċess ta' identifikazzjoni remot, li huma meħtieġa li jinżammu f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 40(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849, għandu jkollhom kronogramma u jkunu maħżuna b'mod sikur mill-istituzzjoni ta' kreditu u finanzjarja. Il-kontenut tar-rekords maħżuna, inkluż l-immaġnijiet, il-vidjos, il-ħoss u d-*data* għandhom ikunu disponibbli f'format li jinqara u jippermetti verifiki *ex post*.

### 4.2.2 L-identifikazzjoni ta' persuni fiżiċi

27. Fil-politiki tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jiddeterminaw, kif stabbilit fil-paragrafu 9 tat-Taqsima 4.1.1, l-informazzjoni li jeħtieġu biex jiksbu l-identifikazzjoni tal-klijenti b'mod remot f'konformità mal-Artikolu 13(1)(a) u (c) tad-Direttiva (UE) 2015/849. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jiddefinixxu liema informazzjoni:

a) tiddaħħal manwalment mill-klijent;

b) tinqabad awtomatikament mid-dokumentazzjoni pprovduta mill-klijent;

c) tinġabar bl-użu ta' sorsi interni jew esterni oħrajn.

28. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jistabbilixxu u jżommu mekkaniżmi xierqa biex jiżguraw li l-informazzjoni li jaqbdu awtomatikament f'konformità mal-paragrafu 27 tkun affidabbli. Huma għandhom japplikaw kontrolli biex jindirizzaw ir-riskji assoċjati, inkluż ir-riskji assoċjati mal-ġbir awtomatiku tad-*data* bħall-oskurament tal-lokalizzazzjoni tal-indirizzi foloz tal-Protokoll tal-Internet (IP) tal-apparat tal-klijent u servizzi bħan-Networks Privati Virtwali (VPNs).

### 4.2.3 L-identifikazzjoni ta' Entitajiet Legali

29. Meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jagħmlu onboarding b'mod remot tal-klijenti li huma entitajiet legali, dawn għandhom jiddefinixxu fil-politiki u l-proċeduri tagħhom, kif stabbilit fil-paragrafu 9 tat-Taqsima 4.1.1, liema kategorija ta' entitajiet legali se jgħaddu mill-proċess ta' onboarding b'mod remot, filwaqt li jqisu l-livell ta' riskju TA' ML/TF assoċjat ma' kull kategorija, u l-livell ta' intervent mill-bniedem meħtieġ biex tiġi vvalidata l-informazzjoni ta' identifikazzjoni.

30. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jiżguraw li s-soluzzjoni għall-onboarding remot tal-klijenti jkollha karatteristiċi biex tiġbor:

a) id-*data* u d-dokumentazzjoni rilevanti kollha biex tiġi identifikata u vverifikata l-persuna ġuridika

b) id-*data* u d-dokumentazzjoni rilevanti kollha biex jiġi vverifikat li l-persuna fiżika li taġixxi f'isem il-persuna ġuridika tkun legalment intitolata li taġixxi bħala tali;

c) l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji f'konformità mad-dispożizzjoni 4.12 tal-Linji Gwida dwar il-Fatturi ta' Riskju tal-EBA[6].

31. Għall-persuna fiżika li taġixxi f'isem il-persuna ġuridika, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom japplikaw il-proċess ta' identifikazzjoni deskritt fit-Taqsima 4.2.2.

### 4.2.4 In-natura u l-iskop tar-relazzjoni kummerċjali

32. Meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jivvalutaw u, kif xieraq, jiksbu l-informazzjoni dwar l-iskop u n-natura maħsuba tar-relazzjoni kummerċjali f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849, kif speċifikat aktar fit-Taqsima 4.38 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Fatturi ta' Riskju, huma għandhom, għall-iskopijiet ta' dawn il-linji gwida, ikunu lestew l-azzjonijiet rilevanti qabel it-tmiem tal-proċess tal-onboarding remot tal-klijenti.

## 4.3 L-awtentiċità u l-integrità tad-dokument

33. Meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jaċċettaw ir-riproduzzjoni ta' dokument oriġinali u ma jeżaminawx id-dokument oriġinali, dawn għandhom jieħdu passi biex jiżguraw li r-riproduzzjoni tkun affidabbli. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jistabbilixxu tal-inqas dan li ġej:

a) jekk ir-riproduzzjoni tinkludi karatteristiċi ta' sigurtà inkorporati fid-dokument oriġinali u jekk l-ispeċifikazzjonijiet tad-dokument oriġinali li jkunu qed jiġu riprodotti jkunu validi u aċċettabbli, b'mod partikolari, it-tip, id-daqs tal-karattri u l-istruttura tad-dokument, billi jitqabblu ma' bażijiet tad-*data* uffiċjali, bħal PRADO[7];

b) jekk id-*data* personali tkunx ġiet mibdula jew inkella immanipulata jew, meta applikabbli, jekk l-istampa tal-klijent inkorporata fid-dokument tkunx ġiet sostitwita;

c) jekk l-integrità tal-algoritmu użat biex jiġi ġġenerat in-numru ta' identifikazzjoni uniku tad-dokument oriġinali, f'każ li d-dokument uffiċjali jkun inħareġ b'parti li tinqara minn magna (MRZ);

d) jekk ir-riproduzzjoni pprovduta hijiex ta' kwalità u definizzjoni suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni rilevanti ma tkunx ambigwa;

e) li r-riproduzzjoni pprovduta ma tkunx intweriet fuq skrin ibbażata fuq ritratt jew scan tad-dokument tal-identità oriġinali.

[6] EBA/GL/2021/02

[7] https://www.consilium.europa.eu/prado/en/prado-start-page.html

34. Meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jużaw karatteristiċi biex jaqraw awtomatikament l-informazzjoni mid-dokumenti, bħall-algoritmi tar-Rikonoxximent Ottiku tal-Karattri (OCR) jew il-verifiki tal-parti li tinqara minn magna (MRZ), dawn għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li dawn l-għodod jiġbru l-informazzjoni b'mod preċiż u konsistenti.

35. F'sitwazzjonijiet li fihom l-apparat li l-klijenti jużaw biex jagħtu prova tal-identità tagħhom jippermetti l-ġbir tad-*data* rilevanti, pereżempju minħabba li d-*data* hija miżmuma fiċ-ċippa tal-karta tal-identità nazzjonali, u huwa teknikament fattibbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji li jaċċessaw din id-*data*, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jikkunsidraw li jużaw din l-informazzjoni biex jivverifikaw il-konsistenza tagħha mal-informazzjoni miksuba permezz ta' sorsi oħrajn, bħad-*data* sottomessa jew dokumenti oħrajn sottomessi mill-klijent.

36. Meta disponibbli, matul il-proċess ta' verifika, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jivverifikaw il-karatteristiċi ta' sigurtà inkorporati fid-dokument uffiċjali, jekk ikun hemm, bħall-ologrammi, bħala prova tal-awtentiċità tagħhom.

37. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jistabbilixxu fil-politiki u l-proċeduri tagħhom kif se jaġġustaw it-talbiet ta' dokumentazzjoni tagħhom għall-iskopijiet tal-inklużjoni finanzjarja. Meta forom aktar dgħajfa jew mhux tradizzjonali ta' dokumentazzjoni jiġu aċċettati bħala riżultat, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom iwettqu flimkien mal-miżuri kif stabbiliti fil-paragrafu 4.10 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Fatturi ta' Riskju, kontrolli jew żieda fl-intervent mill-bniedem biex jissodisfaw lilhom infushom li jifhmu r-riskju tal-ML/TF assoċjat mar-relazzjoni kummerċjali.

## 4.4 It-tqabbil tal-identità tal-klijent bħala parti mill-proċess ta' verifika

38. Is-soluzzjonijiet għall-onboarding remot tal-klijenti implimentati minn istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom, bħala minimu, jippermettu dan li ġej, bħala parti mill-proċess ta' verifika tagħhom:

    a) ikun hemm qbil bejn l-informazzjoni viżibbli tal-persuna fiżika u d-dokumentazzjoni pprovduta;

    b) meta l-klijent ikun entità legali, huwa rreġistrat pubblikament, meta applikabbli;

    c) meta l-klijent ikun entità legali, il-persuna fiżika li tirrappreżentah tkun intitolata taġixxi f'ismu.

39. Meta s-soluzzjoni għall-onboarding remot tal-klijenti tinvolvi l-użu ta' *data* bijometrika biex tiġi vverifikata l-identità tal-klijent, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jiżguraw li d-*data* bijometrika tkun ta' natura suffiċjentement unika biex tkun marbuta mingħajr dubju

ma' persuna fiżika waħda. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jużaw algoritmi b'saħħithom u affidabbli biex jivverifikaw il-qbil bejn id-*data* bijometrika pprovduta fid-dokument tal-identità sottomess u l-klijent li jkun qed jiġi soġġett għal proċess ta' onboarding. F'sitwazzjonijiet li fihom is-soluzzjoni ma tipprovdix il-livell meħtieġ ta' fiduċja, għandhom jiġu applikati kontrolli addizzjonali.

40. F'sitwazzjonijiet li fihom l-evidenza pprovduta tkun ta' kwalità insuffiċjenti li tirriżulta f'ambigwità jew f'inċertezza sabiex jiġi affettwat it-twettiq ta' kontrolli remoti, il-proċess tal-onboarding remot individwali tal-klijent għandu jiġi interrott u jerġa' jinbeda jew jiġi ridirett għal verifika wiċċ imb wiċċ.

41. Meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jużaw soluzzjonijiet għall-onboarding remot mhux sorveljat, li fihom il-klijent ma jinteraġixxix ma' impjegat biex iwettaq il-proċess ta' verifika, dawn għandhom:

    a) jiżguraw li kwalunkwe ritratt(i) jew vidjo jittieħed f'kundizzjonijiet adegwati ta' dawl u li l-proprjetajiet meħtieġa jinqabdu biċ-ċarezza meħtieġa biex tiġi permessa l-verifika xierqa tal-identità tal-klijent;

    b) jiżguraw li kwalunkwe ritratt(i) jew vidjo jittieħed fil-mument li l-klijent ikun qed iwettaq il-proċess ta' verifika;

    c) iwettqu verifiki ta' detezzjoni tal-vivaċità, li jistgħu jinkludu proċeduri li fihom tkun meħtieġa azzjoni speċifika mill-klijent biex jiġi verifikat li huwa/hija preżenti fis-sessjoni ta' komunikazzjoni jew li jistgħu jkunu bbażati fuq l-analiżi tad-*data* riċevuta u ma tirrikjedix azzjoni speċifika mill-klijent;

    d) jużaw algoritmi b'saħħithom u affidabbli biex jivverifikaw jekk ir-ritratt(i) jew il-vidjo meħud jaqbilx mal-istampa/istampi miġbuda mid-dokument(i) uffiċjali li jappartjenu għall-klijent.

42. Meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jużaw soluzzjonijiet għall-onboarding remot sorveljat tal-klijenti li fihom il-klijent jinteraġixxi ma' impjegat biex iwettaq il-proċess ta' verifika, dawn għandhom:

    a) jiżguraw li l-kwalità tal-immaġni u tal-awdjo tkun biżżejjed biex tippermetti l-verifika xierqa tal-identità tal-klijent u li jintużaw sistemi teknoloġiċi affidabbli;

    b) jipprevedu l-parteċipazzjoni ta' impjegat li jkollu għarfien suffiċjenti tar-regolament applikabbli tal-AML/CFT u l-aspetti ta' sigurtà tal-verifika remota u li jkun imħarreġ biżżejjed biex jantiċipa u jipprevjeni l-użu intenzjonat jew volontarji ta' tekniki ta' qerq relatati mal-verifika remota, u li jidentifikaw u jirreaġixxu f'każ li jseħħu;

    c) jiżviluppaw gwida għall-intervista li tiddefinixxi l-passi sussegwenti tal-proċess ta' verifika remota kif ukoll l-azzjonijiet meħtieġa mill-impjegat. Il-gwida għall-intervista

għandha tinkludi gwida dwar l-osservazzjoni u l-identifikazzjoni ta' fatturi psikoloġiċi jew karatteristiċi oħrajn li jistgħu jikkaratterizzaw imġiba suspettuża matul il-verifika remota.

43. Meta possibbli, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jużaw soluzzjonijiet għall-onboarding remot tal-klijenti li jinkludu l-għażla aleatorja fis-sekwenza tal-azzjonijiet li għandhom jitwettqu mill-klijent għall-iskopijiet ta' verifika biex ikun hemm protezzjoni minn riskji bħall-użu ta' identitajiet sintetiċi jew koerċizzjoni. Meta possibbli, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jipprovdu wkoll dmirijiet aleatorji lill-impjegat responsabbli għall-proċess ta' verifika remota sabiex tiġi evitata l-kollużjoni bejn il-klijent u l-impjegat responsabbli.

44. Minbarra dawn ta' hawn fuq, u meta jkun proporzjonat mar-riskju tal-ML/TF assoċjat mar-relazzjoni kummerċjali, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jużaw wieħed jew aktar mill-kontrolli li ġejjin jew miżura simili biex iżidu l-affidabbiltà tal-proċess ta' verifika. Dawn il-kontrolli jew il-miżuri jistgħu jinkludu, iżda ma humiex limitati għal, dawn li ġejjin:

a) l-ewwel pagament isir permezz ta' kont ta' pagament miżmum taħt isem uniku jew konġunt tal-klijent ma' istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu rregolata miż-ŻEE jew f'pajjiż terz li għandu r-rekwiżiti tal-AML/CFT li ma humiex inqas robusti minn dawk meħtieġa mid-Direttiva (UE) 2015/849;

b) jintbagħat passcode ġġenerat b'mod aleatorju lill-klijent biex jikkonferma l-preżenza matul il-proċess ta' verifika remota. Il-passcode għandu jkun kodiċi b'użu uniku u limitat biż-żmien;

c) il-ġbir ta' *data* bijometrika biex titqabbel ma' *data* miġbura permezz ta' sorsi indipendenti u affidabbli oħrajn;

d) kuntatti bit-telefon mal-klijent;

e) posta diretta (kemm elettronika kif ukoll postali) lill-klijent.

45. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jikkunsidraw li l-kriterji fil-paragrafi 38 sa 43 jiġu ssodisfati meta s-soluzzjoni tuża wieħed minn dawn li ġejjin:

a) skemi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-livelli ta' assigurazzjoni "sostanzjali" jew "għolja" f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament;

b) servizzi fiduċjarji kwalifikati rilevanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, b'mod partikolari l-Kapitolu III, it-Taqsima 3 u l-Artikolu 24(1), is-subparagrafu 2, il-punt (b) ta' dak ir-Regolament.

## 4.5 Dipendenza mill-partijiet terzi u esternalizzazzjoni

46. Minbarra l-punti stabbiliti fil-paragrafu 9, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jinkludu fil-politiki u l-ispeċifikazzjonijiet tal-proċeduri tagħhom li jistabbilixxu liema funzjonijiet u attivitajiet ta' onboarding remot tal-klijenti se jiġu eżegwiti jew imwettaq mill-istituzzjoni ta' kreditu u finanzjarja, minn partijiet terzi jew minn fornitur ta' servizz esternalizzat ieħor.

### 4.5.1 Dipendenza mill-Fornituri ta' Partijiet Terzi f'konformità mat-Taqsima 4 tal-Kapitolu II tad-Direttiva (UE) 2015/849

47. Minbarra l-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Fatturi ta' Riskju[8], b'mod partikolari l-Linji Gwida 2.20 sa 2.21 u 4.32 sa 4.37 ta' dawk il-Linji Gwida, għandhom japplikaw il-kriterji li ġejjin:

a) jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu ssodisfati li l-proċessi u l-proċeduri għall-onboarding remot tal-klijenti tas-CDD stess u l-informazzjoni u d-*data* li jiġbru f'dan il-kuntest, ikunu suffiċjenti u konsistenti mar-rekwiżiti stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida;

b) jiżguraw il-kontinwità tar-relazzjonijiet kummerċjali stabbiliti bejn il-klijent u l-istituzzjoni ta' kreditu u finanzjarja biex ikun hemm protezzjoni minn avvenimenti li jistgħu jiżvelaw nuqqasijiet fil-proċess tal-onboarding remot tal-klijenti mwettaq mill-parti terza.

### 4.5.2 L-esternalizzazzjoni tas-CDD

48. Meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jesternalizzaw il-proċess kollu jew partijiet minnu għall-onboarding remot tal-klijenti lill-fornitur ta' servizz esternalizzat, kif imsemmi fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2015/849, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji flimkien mal-Linji Gwida 2.20 sa 2.21 u 4.32 sa 4.37 tal-Linji Gwida dwar il-Fatturi ta' Riskju tal-EBA u flimkien mal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-Esternalizzazzjoni[9] meta applikabbli, qabel u matul ir-relazzjoni kummerċjali mal-fornitur ta' servizz esternalizzat, dawn għandhom japplikaw il-miżuri li ġejjin, li l-firxa tagħhom għandha tiġi aġġustata fuq bażi sensittiva għar-riskju:

a) jiżguraw li l-fornitur ta' servizz esternalizzat jimplimenta u jikkonforma b'mod effettiv mal-politiki u mal-proċeduri tal-onboarding remot tal-klijenti tal-istituzzjoni ta' kreditu u finanzjarja f'konformità mal-ftehim tal-esternalizzazzjoni. Dan għandu jinkiseb permezz tar-rapportar regolari, il-monitoraġġ kontinwu, iż-żjarat fuq il-post jew l-ittestjar tal-kampjuni;

b) iwettqu valutazzjonijiet biex jiżguraw li l-fornitur ta' servizz esternalizzat ikun mgħammar b'mod suffiċjenti u kapaċi jwettaq il-proċess tal-onboarding remot tal-klijenti. Il-valutazzjonijiet jistgħu jinkludu l-valutazzjoni tat-taħriġ tal-persunal, l-

[8] EBA/GL/2021/02

[9] EBA Guidelines on outsourcing arrangements.docx (europa.eu)

idoneità tat-teknoloġija u l-governanza tad-*data* fil-fornitur tas-servizz esternalizzat, iżda ma humiex limitati għaliha;

c) jiżguraw li l-fornitur ta' servizz esternalizzat jinforma lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji bi kwalunkwe bidla proposta fil-proċess tal-onboarding remot tal-klijenti jew kwalunkwe modifika li ssir fis-soluzzjoni pprovduta mill-fornitur ta' servizz esternalizzat.

49. Meta l-fornitur ta' servizz esternalizzat jaħżen id-*data* tal-klijent, inkluż il-fotografija, il-vidjos, u d-dokumenti, iżda mhux limitati għalihom, matul il-proċess tal-onboarding remot, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jiżguraw li:

a) tinġabar biss id-*data* meħtieġa tal-klijent u tinħażen f'konformità ma' perjodu ta' żamma definit b'mod ċar;

b) l-aċċess għad-*data* huwa strettament limitat u rreġistrat;

c) jiġu implimentati miżuri ta' sigurtà xierqa biex jiġi żgurat li d-*data* maħżuna tiġi protetta.

## 4.6 L-ICT u l-ġestjoni tar-riskju għas-sigurtà

50. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jidentifikaw u jimmaniġġjaw ir-riskji tal-ICT u għas-sigurtà tagħhom relatati mal-użu tal-proċess tal-onboarding remot tal-klijenti, inkluż meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jibbażaw fuq partijiet terzi jew meta s-servizz jiġi esternalizzat, inkluż lill-entitajiet fi grupp.

51. Minbarra li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni tar-riskju tal-ICT u għas-sigurtà [10] meta applikabbli, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jużaw mezzi ta' komunikazzjoni siguri biex jinteraġixxu mal-klijent matul il-proċess tal-onboarding remot tal-klijenti. Is-soluzzjoni għall-onboarding remot tal-klijenti, meta applikabbli, għandha tuża protokolli siguri u algoritmi kriptografiċi skont l-aħjar prattiki tal-industrija biex tissalvagwardja l-kunfidenzjalità, l-awtentiċità u l-integrità tad-*data* skambjata.

52. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jipprovdu punt ta' aċċess sigur għall-bidu tal-proċess tal-onboarding remot tal-klijenti bbażat fuq ċertifikati kwalifikati għas-siġilli elettroniċi kif imsemmi fl-Artikolu 3(30) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 jew għall-awtentikazzjoni tas-sit web kif imsemmi fl-Artikolu 3(39) ta' dak ir-Regolament. Il-klijent għandu jiġi infurmat ukoll dwar il-miżuri ta' sigurtà applikabbli li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat użu sigur tas-sistema.

53. Meta jintuża apparat b'diversi użi biex jitwettaq il-proċess tal-onboarding remot tal-klijenti, meta applikabbli, għandu jintuża ambjent sigur għall-eżekuzzjoni tal-kodiċi tas-software min-naħa tal-klijent. Għandhom jiġu implimentati miżuri ta' sigurtà addizzjonali biex jiġu żgurati s-

[10] EBA/GL/2019/04

sigurtà u d-dipendenza tal-kodiċi tas-software u d-*data* miġbura, skont il-valutazzjoni tar-riskju għas-sigurtà kif stabbilit fil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ICT u l-ġestjoni tar-riskju għas-sigurtà.

## 4.7 Il-konformità ma' dawn il-linji gwida meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jużaw servizzi fiduċjarji u proċessi ta' identifikazzjoni nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 13(1)(a) tad-Direttiva (UE) 2015/849.

54. Biex jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jistgħu jużaw servizzi fiduċjarji u proċessi ta' identifikazzjoni elettronika rilevanti li huma regolati, rikonoxxuti, approvati, jew aċċettati mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849. Meta jużaw dawn is-soluzzjonijiet, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jivvalutaw sa fejn is-soluzzjoni tikkonforma mad-dispożizzjonijiet f'dawn il-linji gwida u japplikaw il-miżuri meħtieġa biex jimmitigaw kwalunkwe riskju rilevanti li jirriżulta mill-użu ta' dawn is-soluzzjonijiet. Dawn għandhom iqisu b'mod partikolari jekk humiex indirizzati r-riskji li ġejjin:

a) ir-riskji involuti fl-awtentikazzjoni u stabbiliti fil-miżuri ta' mitigazzjoni speċifiċi għall-politiki u għall-proċeduri tagħhom, speċjalment fir-rigward tar-riskji ta' frodi bbażata fuq ix-xebh;

b) ir-riskju li l-identità tal-klijent ma tkunx l-identità ddikjarata;

c) ir-riskju ta' evidenza tal-identità mitlufa, misruqa, sospiża, revokata, jew skaduta, inkluż, kif xieraq, għodod biex jiġi identifikat u pprevenut l-użu ta' frodi tal-identità.